

Jum Dinji tal-Għalliema - il-5 ta' Ottubru 2011

Artiklu ta' Androulla Vassiliou, il-Kummissarju Ewropew għall-Edukazzjoni, il-Kultura, il-Multilingwiżmu u ż-Żgħażaġħ

Fl-okkażjoni tal-**Jum Dinji tal-Għalliema 2011**, nixtieq nesprimi l-ammirazzjoni sinċiera li għandi għas-sitt miljun għalliem u għalliema fl-Unjoni Ewropea. Il-kontribut tagħhom lejn is-soċjetà tagħna huwa ta' importanza kbira. Huma l-għalliema li jgħinu lil kull wieħed u waħda minn uliedna u miż-żgħażaġh tagħna li jiksbu l-għarfien, li jiżviluppaw il-potenzjal sħiħ tagħhom u l-personalitajiet, it-talenti u l-kapaċitajiet li għandhom, u li jqabbdhom it-triq tas-sodisfazzjon personali u tas-suċċess fil-ħajja adulta.

Għal dawn ir-raġunijiet, l-għalliema jinsabu fil-qofol tal-isforzi tal-Kummissjoni biex tgħin lill-Istati Membri jtejbu l-kwalità tas-sistemi tagħhom ta' taġġim u taħriġ. F'dan l-isforz, jiena nafda li l-għalliema u l-Unjins tagħhom ikunu alleati tagħna. Ħafna mill-qarrejja tagħna jafu li l-Unjoni Ewropea kull sena, permezz tal-programmi tagħha, tagħti l-opportunità lil eluf ta' għalliema li jieħdu sehem f'edukazzjoni u taħriġ addizzjonali barra minn pajjiżhom, jew li jakkumpanjaw lill-klassijiet tagħhom f'ġiti ta' skambju tal-istudenti, u li jikkooperaw ma' skejjel f'pajjiżi oħra.

F'Ċipru biss, fit-tliet snin (2007-2009) 157 għalliem ħadu sehem f'taħriġ barra minn pajjiżhom bi spiża totali ta' €360 000. Fis-snin li ġejjin, biħsiebna nżidu b'mod kbir ir-riżorsi li se ninvestu f'dan it-tip ta' programm. Iżda r-rwol tagħna jinvolvi wkoll li nlaqqgħu lill-esperti mal-partijiet interessati biex flimkien insibu mezzi ġodda biex intejbu s-sistemi edukattivi nazzjonali. Il-Ministri tal-Edukazzjoni talbuna li niffukaw b'mod partikolari fuq il-mezzi biex intejbu l-edukazzjoni tul il-karriera tal-għalliema u l-mexxejja tal-iskejjel.

Għall-maġġoranza tal-għalliema l-ġodda, l-ewwel f'it snin tal-professjoni tagħhom jafu jkunu ta' sfida u ta' tensjoni; tabilħaqq ikun hemm proporzjon ta' għalliema ġodda li jitolqu għal kollox minn din il-professjoni, li huwa telf kbir kemm għalihom personali kif ukoll għall-iskejjel tagħna. B'danakollu, dawn il-problemi jistgħu jitnaqqsu jew anki jiġu eliminati kieku l-awtoritajiet tal-edukazzjoni jieħdu f'it passi sempliċi biex jipprovdu **l-appoġġ** personali, soċjali u professjonali **lill-għalliema l-ġodda**, biex ikunu jistgħu jikkontribwixxu b'mod effikaċi u jagħmlu l-almu tagħhom fix-xogħol tagħhom ta' kuljum fl-iskola u fil-klassi.

Għalhekk għandi pjaċir li nħabbar li l-Kummissjoni Ewropea, f'ħidma konġunta ma' għadd ta' esperti minn diversi pajjiżi tal-UE, ipproduċiet ktieb ta' gwida bit-titolu *Developing Induction Programmes for Beginning Teachers: a Handbook for Policymakers* (aġġfas [hawn](#)). Id-diversità tas-sistemi edukattivi tagħna hija ta' valur kbir. Għalhekk din il-gwida ma tipproponix "soluzzjoni" unika;

minflok, tipprovdi menù li minnu tista' tinbena sistema effettiva biex l-għalliema l-ġodda jibdew xogħolhom. Jiena nemmen li dan se jwassal għal benefiċċji veri għall-għalliema l-ġodda u għal titjib.

Tabilħaqq, l-identifikazzjoni u l-inkoraġġiment tal-aqwa gradwati biex jidħlu għall-professjoni tat-tagħlim hija sfida ewlenija għal bosta pajjiżi. Fl-2012 se nippubblikaw ir-riċerka u l-ideat dwar l-aħjar prassi biex il-professjoni tat-tagħlim issir għażla **iktar attraenti bħala karriera**.

Hekk kif jiżdiedu l-eżiġenzi għall-għalliema, u n-natura ta' xogħolhom titwessa' filwaqt li tiżdied il-kumplessità, dejjem qed tiżdied l-enfasi fuq il-firxa wiesgħa ta' tagħrif, ta' attitudnijiet u ta' hili li jeħtieġu l-għalliema. Għaldaqstant aħna se nippubblikaw sommarju tal-prassi t-tajba dwar **il-kompetenzi tal-għalliema** sal-aħħar tas-sena.

Iżda f'dan il-jum importanti ma għandniex ninsew grupp ta' "eroj minsija": **l-educaturi tal-għalliema**. Il-kwalità tat-tagħlim fl-iskejjel u l-kulleġġi tagħna tiddependi fuq l-għarfien u l-kompetenzi ta' dawn in-nies – kemm dawk li huma għalliema esperti li jagħtu l-pariri lill-kollegi tagħhom fl-iskejjel, kif ukoll dawk li huma mexxejja tal-iskejjel u li jippromwovu l-iżvilupp tal-persunal tagħhom, jew dawk li jagħmlu r-riċerka u jħarrġu lill-għalliema fl-universitajiet. Bħalissa qegħdin inħejju avveniment kbir ta' tagħlim minn xulxin għal Marzu 2012 biex niddiskutu kif l-awtoritajiet tal-educazzjoni jistgħu jappoġġjaw lil dan il-grupp ewlieni bl-aħjar mod.

Fl-aħħar nett, lill-għalliema, lill-mexxejja tal-iskejjel u lill-educaturi tal-għalliema, irrid ngħid "**Grazzi ħafna!**"

Għalliema li bbenefikaw minn għotja finanzjarja Comenius għall-mobbiltà 2007-09

<i>Pajjiż</i>	<i>in-numru totali tal- għalliema / numru totali ta' għalliema futuri li bbenefikaw mit-taħriġ f'pajjiż ieħor</i>	<i>Investiment totali tal-UE f'din il-mobbiltà ta' persunal EURO</i>
Belgien BE de	37	78.086 €
Belgique BE fr	181	725.458 €
België BE nl	455	1.104.598 €
България BG	465	1.314.975 €
Česká republika CZ	831	1.711.206 €
Danmark DK	587	1.208.669 €
Deutschland DE	3.506	8.886.325 €
Eesti EE	224	575.958 €
Éire/Ireland IE	230	666.505 €
Ελλάδα EL	628	1.451.309 €
España ES	3.757	6.087.740 €
France FR	3.236	7.949.262 €
Italia IT	2.632	6.030.847 €
Κύπρος CY	157	361.372 €
Latvija LV	370	786.529 €
Lietuva LT	370	1.077.032 €
Luxembourg LU	49	143.621 €
Magyarország HU	716	1.885.747 €
Malta MT	97	165.350 €
Nederland NL	1.196	2.071.808 €
Österreich AT	886	1.685.318 €
Polska PL	2.186	5.902.909 €
Portugal PT	775	2.001.478 €
România RO	1.531	3.027.060 €
Slovenija SI	228	594.662 €
Slovensko SK	272	599.725 €
Suomi/Finland FI	667	1.424.940 €
Sverige SE	1.223	1.764.906 €
United Kingdom UK	3.416	7.215.157 €
Liechtenstein FL	22	59.365 €
Iceland ISL	216	354.016 €
Norway NO	381	809.726 €
Turkey TU	1.488	5.381.466 €
TOTAL	33.015	75.103.124 €